

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.9726 — Itochu/AMCI/POSCO/JVLP/NCR)  
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 35/06)

1. Fis-27 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹)

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Itochu Corporation (“Itochu”, il-Ġappun),
- American Metals & Coal International, Inc. (“AMCI”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
- POSCO Corporation (“POSCO”, il-Korea t’Isfel),
- Jaz Ventures, L.P. (“JVLP”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
- North Central Resources, LLC (“NCR”, l-Istati Uniti tal-Amerika), joint venture (JV).

Itochu, AMCI, POSCO u JVLP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi-sħab ta’ NCR.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Itochu hija attiva ffirxa wiesgħa ta’ industriji inklużi prodotti tal-azzar, tessuti, makkinarju industrijali, elettronika, kimiċi, ikel u servizzi finanzjarji,
- AMCI hija kumpanija tal-investiment friżorsi naturali fghadd ta’ oqsma li jaffettwaw komoditajiet tal-enerġija u tal-metal, inklużi investimenti fil-faħam u l-minerali, il-metalli u t-trasport bil-baħar,
- POSCO hija involuta ffirxa ta’ industriji tal-minjieri bħalma huma minerali tal-ħadid, in-nikil, il-faħam u l-enerġija rinnovabbli. POSCO bħalissa tħaddem żewġt impjanti tal-azzar fil-Korea,
- JVLP hija sħubija limitata tal-familja li għandha varjetà ta’ investimenti f’kumpaniji tal-enerġija,
- NCR hija joint venture li l-għan tagħha huwa li żżomm, tiżviluppa, tesplora, tibni u tisfrutta kummerċjalment proġett tal-faħam għall-kokk f’sit li ma kienx għadu żviluppat f’West Virginia.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spċificata:

M.9726 — Itochu/AMCI/POSCO/JVLP/NCR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħbi:

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---